31987D0594

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 1987

li taċċetta f'isem il-Komunità l-Anness F.3 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tad-dwana

(87/594/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 43, 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi bid-Deċiżjoni 75/199/KEE [2] il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tad-dwana;

Billi, l-aċċettazzjoni ta' l-annessi ma' din il-Konvenzjoni tikkontribwixxi b'mod effettiv sabiex jiġi ffaċilitat u żviluppat il-kummerċ internazzjonali;

Billi l-Anness F.3 li jirrigwarda l-faċilitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi jistgħu jkunu aċċettati mill-Komunità,

Billi din l-aċċettazzjoni għandha, madankollu, tkun akkumpanjata b'ċerti riservi sabiex jitqiesu l-ħtiġiet speċjali ta' l-Unjoni Doganali u l-istadju korrenti milħuq fl-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni tad-dwana,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness F.3 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tad-dwana, li jirrigwardaw il-faċilitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi, huwa hawnhekk aċċettat f'isem il-Komunità bla ħsara għar-riserva ta' natura ġenerali u r-riservi dwar l-Istandards 21, 38 u 44 u l-Prattika rakkomandata 45.

It-test ta' l-Anness, flimkien mar-riservi, huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Kooperazzjoni tad-dwana bl-aċċettazzjoni mill-Komunità ta' l-Anness riferit fl-Artikolu 1, bla ħsara għar-riservi riferiti f'dak l-Artikolu.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Novembru 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

N. WILHJELM

---

[1] ĠU C 318, tat-30.11.1987.
[2] ĠU 100, tal-21.4.1975, p. 1.

ANNESS

ANNESS F.3

ANNESS LI JIRRIGWARDA L-FAĊILITAJIET TAD-DWANA LI JAPPLIKAW GĦALL-VJAĠĠATURI

DAĦLA

Iż-żieda kbira fis-safar internazzjonali kellu effett konsiderevoli fuq ix-xogħol ta' l-amministrazzjonijiet tad-dwana, peress li l-vjaġġaturi bl-oġġetti tagħhom u bil-mezzi tat-trasport tagħhom iridu jgħaddu minn kontrolli tad-dwana matul il-vjaġġ tagħhom.

Huwa fl-interess kemm tal-vjaġġatur kif ukoll tal-awtoritajiet interessati li jiffaċilitaw il-moviment permezz tal-kontroll tad-dwana meħtieġ, iżda madankollu dan ma għandux isir a skapitu tar-responsabbiltajiet l-oħra assenjati lid-dwana bħalma huma l-ħarsien ta' l-interessi fiskali u ekonomiċi tal-pajjiż, il-prevenzjoni ta' l-importazzjoni ta' oġġetti projbiti u r-ripressjoni ta' offiżi oħra tad-dwana.

Dan l-Anness jipprovdi dawk li huma kunsidrati l-faċilitajiet minimi għall-vjaġġaturi, u f'dan il-kuntest għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-rakkommandazzjoni li saret fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

Dan l-Anness għandu x'jaqsam mal-faċilitajiet tad-dwana li japplikaw għal dawk kollha li jivvjaġġaw, irrispettivament jekk humiex residenti jew mhux-residenti li sejrin jitilqu jew residenti li ġejjin lura jew tal-mod tagħhom tat-trasport, u għall-oġġetti li jinġarru minn dawn il-vjaġġaturi, sewwa fuq il-persuna tagħhom, u sewwa fil-bagalji jew fil-mezzi tat-trasport tagħhom. Japplika wkoll għall-mezzi privati tat-trasport tagħhom (vetturi bil-magna fuq it-toroq, bastimenti u vetturi ta' l-ajru).

L-Anness japplika wkoll għall-ħaddiema li jgħixu f'pajjiż iżda jaħdmu f'ieħor, għall-membri tal-ekwipaġġ u għal persuni oħra li sikwit jaqsmu l-fruntiera. Madankollu dawn it-tipi ta' vjaġġaturi jistgħu jiġu esklużi mill-benefiċċju ta' ċerti faċilitajiet.

L-Anness ma japplikax għall-kontrolli varji li kultant jitwettqu mid-dwana f'isem awtoritajiet oħra bħalma huma l-kontrolli tal-immigrazzjoni u kontrolli fito-sanitarji. Lanqas ma' l-Anness ikopri l-każ ta' persuni li jittrasferixxu r-residenza tagħhom minn pajjiż għall-ieħor.

DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskop ta' dan l-Anness:

(a) it-terminu "vjaġġatur" ifisser:

(1) kull persuna li temporanjament tidħol f'territorju ta' pajjiż li fih hu jew hija normalment ma jirrisjedux ("non-resident"), u

(2) kull persuna li tmur lura fit-territorju tal-pajjiż li fih hu jew hija normalment jirresjiedu wara li kienu temporanjament barra minnu ("resident ritornant").

Nota:

Persuna tista' titqies li tirresjiedi f'pajjiż normalment jekk huwa jew huma residenti b'mod prinċipali jew b'mod permanenti f'dan il-pajjiż. Madankollu, il-post fejn persuna tirresjiedi b'mod normali huwa stabbilit skond il-leġislazzjoni nazzjonali;

(b) it-terminu "mezz tat-trasport għall-użu privat" ifisser vetturi tat-triq bil-mutur (inklużi l-muturi) u l-karrijiet, id-dgħajjes u l-vetturi ta' l-ajru, flimkien mal-partijiet li jinbidlutagħhom u l-aċċessorji u t-tagħmir normali, importati jew esportati b'mod esklussiv għall-użu personali mill-persuna interessata u mhux għat-trasport tal-persuni għal rimunerazzjoni jew għat-trasport industrijali jew kummerċjali tal-merkanzija, sewwa jekk għal rimunerazzjoni u sewwa jekk le;

(ċ) it-terminu "effetti personali" ifisser l-oġġetti kollha (ġodda jew użati) li vjaġġatur jista' jeħtieġ b'mod raġjonevoli għall-użu personali tiegħu jew tagħha matul il-vjaġġ, wara li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-vjaġġ, iżda jeskludu kull oġġett importat jew esportat għal skopijiet kummerċjali;

(d) it-terminu "dazji u taxxi fuq l-importazzjoni" ifisser id-dazji tad-dwana u d-dazji, it-taxxi, il-piżijiet jew l-imposti l-oħra kollha li jinġabru fuq jew f'konnessjoni ma' l-importazzjoni ta' l-oġġetti, iżda ma jinkludux il-piżijiet u l-imposti li huma limitati fl-ammont għall-ispejjeż approssimattivi tas-servizzi mwettqa;

(e) it-terminu "dazji u taxxi fuq l-esportazzjoni" ifisser id-dazji tad-dwana u d-dazji, it-taxxi, il-piżijiet jew l-imposti l-oħra kollha li jinġabru fuq jew f'konnessjoni ma' l-esportazzjoni tal-oġġetti, iżda ma jinkludux il-piżijiet u l-imposti li huma limitati fl-ammont ammont għall-ispejjeż bejn approsimattivi tas-servizzi mwettqa;

(f) it-terminu "dħul temporanju" ifisser il-proċedura tad-dwana li biha ċerti oġġetti jistgħu jiddaħħlu f'territorju tad-dwana bil-kondizzjoni li jinħelsu mill-ħlas tad-dazji u tat-taxxi fuq l-importazzjoni; dawn l-oġġetti jridu jkunuimportati għal

skop speċifiku u jridu jkunu maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid ġewwa perjodu speċifiku taż-żmien u mingħajr ma jkunu għaddew minn ebda bidla għajr id-deprezzament normali minħabba l-użu li jsir mill-oġġetti;

(g) it-terminu "sigurtà" ifisser dak li jiżgura għas-sodisfazzjoni tad-dwana illi jrid jiġi mwettaq obbligu lejn id-dwana;

(h) it-terminu "kontroll tad-dwana" ifisser il-miżuri applikati sabiex jiżguraw il-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti li d-dwana hija responsabbli li tinforza.

PRINĊIPJI

1. *L-Istandard*

Il-faċilitajiet tad-dwana applikabbli għall-vjaġġaturi għandhom ikunu regolati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. *L-Istandard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li għandhom jitwettqu u l-formalitajiet tad-dwana li għandhom jiġu kompletati għall-*clearance* ta' l-oġġetti tal-vjaġġatur u tal-mezz tat-trasport għall-użu privat.

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

3. *L-Istandard*

L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jinnominaw l-uffiċċji tad-dwana li fihom jistgħu jsiru l-formalitajiet tad-dwana li għamndshom x'jaqsmu mal-vjaġġaturi. Biex ikunu stabbiliti l-lokazzjoni, il-kompetenza u s-sigħat tan-negozju ta' dawn l-uffiċċji, il-fatturi li jridu jiġu kunsidrati għandhom jinkludu s-sitwazzjoni ġeografika u l-volum tat-traffiku tal-passiġġieri.

Noti:

(1) Dawn l-uffiċċji tad-dwana jistgħu jkunu lokati jew fuq il-fruntiera jew fl-intern (p.e. f'ajruport jew fi stazzjon ewlieni tal-ferrovija).

(2) F'uħud mill-każijiet jista' jkun possibbli għall-vjaġġaturi li jikkompletaw il-formalitajiet kollha meħtieġa fuq il-ferroviji internazzjonali, il-bastimenti laneċ, il-bastimenti tal-kroċiera, eċċ.

(3) Metodu ieħor għalbiex jitħaffef il-passaġġ tal-vjaġġaturi mill-kontroll tad-dwana huwa dak li jiġu provvduti faċilitajiet ta' qabel il-*cleranace* fil-pajjiż tat-tluq.

4. *Il-Prattika rakkomandata*

Fuq it-talba minn qabel mill-persuna interessata, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet tad-dwana, dawn tal-aħħar għandhom, sakemm tippermetti l-organizzazzjoni amministrattiva tagħhom, jippermettu illi l-formalitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi jiġu kompletati f'postijiet oħra mill-uffiċċji tad-dwana nominati għal dan l-iskop; kull spiża li dan jintitola tista' tiġi imposta fuq il-persuna interessata.

5. *L-Istandard*

L-uffiċċji tad-dwana ewlenin li fihom jistgħu jiġu kompletati l-formalitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi għandhom ikunu miftuħa 24 siegħa kuljum meta l-ħtiġiet tat-traffiku hekk jitolbu jew, jekk dan mhux meħtieġ, f'sigħat speċifikati li matul-hom il-vjaġġaturi jistgħu jkunu mistennija li jaslu jew iħallu l-pajjiż.

6. *Prattika rakkomandata*

Meta l-uffiċċji tad-dwana korrispondenti jkunu lokati fuq fruntiera komuni, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiżi interessati għandhom jikkorrelataw il-kompetenza u s-sigħat tal-kummerċ ta' dawn l-uffiċċji.

Nota:

F'xi każijiet kontrolli konġunti kienu ġew stabbiliti fuq fruntieri komuni bl-uffiċċji tad-dwana tal-pajjiżi interessati stabbiliti fl-istess post u kultant fl-istess bini.

7. *L-Istandard*

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li japplikaw il-kontroll tad-dwana shiħ fuq il-vjaġġaturi kollha, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom normalment japplikaw dawn il-kontrolli biss fuq bażi selettiva jew tat-teħid ta' kampjuni.

8. *L-Istandard*

It-tfittxijiet personali fuq il-vjaġġaturi għal skopijiet tad-dwana għandhom jitwettqu biss f'każijiet eċċezzjonali u meta jeżistu raġunijiet validi ta' suspett ta' kuntrabandu jew ta' offiżi oħra.

9. *L-Istandard*

Il-vjaġġauri li jaslu jew iħallu l-pajjiż b'vettura tat-triq jew bil-ferrovija għandhom jingħataw il-permess li jikkompletaw il-formalitajiet kollha meħtieġa mingħajr, kif għandu jsir, ma jkollhom iħallu l-mezz tat-trasport li jkunu qegħfin jivvjaġġaw fih.

10. *Prattika rakkomandata*

Fl-ajruporti internazzjonali maġġuri għandha tintuża s-sistema taż-żewġ kanali kif imsemmija f'Appendiċi I ma' dan l-Anness għall-*clearance* lejn l-intern tal-vjaġġaturi u l-bagalji tagħhom.

11. *Prattika rakkomandata*

F'portijiet internazzjonali xierqa, b'mod partikolari dawk użati mill-bastimenti tal-passiġġieri li jagħmlu vjaġġi qosra fuq il-baħar (bħas-servizzi regolari tal-bastimenti laneċ), għandha tintuża s-sistema taż-żewġ kanali kif deskritta fil-qosor f'Appendiċi II ma' dan l-Anness għall-*clearance* lejn l-intern tal-vjaġġaturi, il-bagalji tagħhom u l-vetturi tat-triq tagħhom għall-użu privat.

12. *L-Istandard*

Il-faċilitajiet tad-dwana pprovduti f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-vjaġġaturi tkun xi tkun iċ-ċittadinanza/nazzjonalità tagħhom.

13. *Prattika rakkomandata*

Ikun xi jkun il-mezz tat-trasport użat, m'għandhiex tinħtieġ lista tal-vjaġġaturi jew lista tal-bagalji li jakkumpanjawhom għall-iskopijiet tad-dwana.

Nota:

Din id-dispożizzjoni ma tipprekludix li d-dwana titlob tagħrif li jirrigwarda n-numru ta' vjaġġaturi li jaslu jew iħallu fuq mezz partikolari tat-trasport.

14. *L-Istandard*

Il-vjaġġaturi għandhom jitħallew jagħmlu dikjarazzjoni bil-fomm rigward l-oġġetti li jakkumpanjawhom. Madankollu, id-dwana tista' teħtieġ dikjarazzjoni bil-miktub għall-oġġetti miġrura mill-vjaġġaturi li jikkostitwixxu l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' natura kummerċjali jew li jaqbżu, fil-valur jew fil-kwantità, il-limiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali.

Nota:

Id-dikjarazzjoni bil-miktub prevista taħt dan l-Istandard tista' tkun id-dikjarazzjoni li s-soltu tkun meħtieġa għall-*clearance* għall-użu tad-dar jew dikjarazzjoni simplifikata tal-oġġetti. Id-dwana tista' teħtieġ bħala alternattiva l-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali jew dokument kummerċjali ieħor.

15. *L-Istandard*

L-oġġetti li jingarru mill-vjaġġaturi għandhom jinħażnu jew jinżammu, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet tad-dwana, sal-*clearance* taħt il-proċedura tad-dwana xierqa, l-esportazzjoni mill-ġdid jew disponiment ieħor minnhom skond il-leġislazzjoni nazzjonali, fil-każijiet li ġejjin:

— fuq it-talba tal-vjaġġatur;

— meta l-oġġetti interessati ma jistgħux ikunu klerjati minnufih;

— meta d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness ma japplikawx għal dawn l-oġġetti.

16. *L-Istandard*

Il-bagalji mhux akkumpanjati (jiġifieri l-bagalji li jaslu jew jitilqu qabel jew wara l-vjaġġatur) għandhom jiġu klerjati bil-proċedura li tapplika għall-bagalji mhux akkumpanjati jew bi proċedura tad-dwana oħra simplifikata.

Noti:

(1) Id-dħul ħieles mid-dazji ta' l-importazzjoni u t-taxxi li japplikaw għall-oġġetti għajr l-effetti personali li jkunu jinsabu fil-bagalji akkumpanjati mhux neċessarjament japplika għal dawk l-oġġetti li jkunu jinsabu f'bagalji mhux akkumpanjati.

(2) Meta jintalab id-dħul ħieles mid-dazji tal-importazzjoni u t-taxxi rigward l-oġġetti fil-bagalji mhux akkumpanjati ta' vjaġġatur, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jeħtieġu xhieda illi l-persuna interessata tkun fil-fatt sejra tasal minn barra l-pajjiż.

(3) Id-dispożizzjonijiet deskritti fil-qosor f'Appendiċi III ma' dan l-Anness jistgħu jipprovdu gwida utli fit-trattament tad-dwana tal-bagalji reġistrati li jingarru bil-ferroviji.

17. *L-Istandard*

Għandha ssir dispożizzjoni għall-bagalji mhux akkumpanjati ta' vjaġġatur sabiex jiġu klerjati minn persuna oħra għajr il-vjaġġatur.

18. *Prattika rakkomandata*

Għandha tiġi applikata sistema ta' stima b'rata uniformi għall-oġġetti ddikjarati għall-użu tad-dar taħt il-faċilitajiet li japplikaw għall-vjaġġaturi, sakemm din l-importazzjoni hija ta' natura mhux kummerċjali u l-valur totali jew il-kwantità ta' l-oġġetti ma jaqbżux l-ammonti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali.

Is-sistema b'rata uniformi:

— għandha tistabbilixxi r-rati li jkopru t-tipi kollha tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjonijiet;

— m'għandhiex iċċaħħad lill-oġġetti mill-benefiċċju ta' kull faċilità tad-dħul ħieles mid-dazju li għalihom ikunu intitolati xort'oħra;

— għandha tipprovdi illi l-oġġetti jistgħu, jekk il-vjaġġatur hekk jitlob, jeħlu dazji u taxxi fuq l-importazzjoni bir-rati approprjati għalihom infushom, f'liema każ, madankollu, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jeħtieġu illi l-oġġetti kollha li għandhom jeħlu d-dazju u t-taxxi għandhom jeħlu dawn; u

— m'għandhiex telimina l-possibbiltà illi l-awtoritajiet tad-dwana jistabbilixxu rati speċjali fuq l-oġġetti ta' dazju għoli jew saħansitra jeskludu ċerti oġġetti mill-benefiċċju tas-sistema tar-rata uniformi.

Nota:

Importazzjoni s-soltu titqies li hija ta' natura mhux kummerċjali meta hija ta' darba fil- u tikkonsisti biss minn oġġetti għall-użu personali jew għall-konsum tal-vjaġġatur jew tal-familja tiegħu jew il-vjaġġatur jiddisponi minnha bħala rigali fil-pajjiż u li ma tissuġġerix, min-natura jew il-kwantità tagħha, li hija importata għal skopijiet kummerċjali.

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DĦUL

(a) Il-persuni li mhumiex residenti

19. *L-Istandard*

L-effetti personali ta' dawk mhux residenti għandhom jinghataw dħul temporanja. Għajr għall-oġġetti li jinvolvu ammont għoli ta'

dazji u taxxi fuq l-importazzjoni, dawn l-effetti personali għandhom jitħallew jidħlu mingħajr il-ħtieġa ta' ebda dokumenti jew garanzija.

20. *L-Istandard*

B'żieda mal-ħwejjeġ ta' l-ilbies, ma' l-oġġetti tat-twalettau oġġetti oħra ovvjament ta' natura personali, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu b'mod partikolari bħala effetti personali:

— il-ġojjelli personali;

— il-kaxxi tar-ritratti ta' ritratt fiss u ta' ritratti li jiċċaqalqu flimkien ma' provvista raġjonevoli ta' *films* u l-aċċessorji tagħhom;

— il-projjetturitas-*slides* jew tal-*films* u l-aċċessorji tagħhom flimkien ma' kwantità raġjonevoli ta' *slides* jew *films*;

— il-binokuli;

— l-istrumenti tal-mużika portatili;

— il-gramofoni portatili bid-diski;

— ir-reġistraturi portatili tal-ħoss u t-riproduttur (inklużi l-magni tad-dettatura) biż-żagarelli;

— ir-riċevituri portatili tar-radju;

— it-televiżjonijiet portatili;

— it-*typewriters* portatili;

— il-kalkulaturi portatili;

— il-perambulaturi;

— is-siġġijiet tar-roti għall-invalidati;

— l-apparat ta' l-isports bħat-tined u apparat ieħor tal-kampeġġ, apparat tas-sajd, apparat tax-xabbaturi, armi tan-nar ta' l-isports bil-munizzjon, roti mingħajr mutur, kenuri, jew *kayaks* anqas minn 5,5 metri tul, *skis*, pali tat-*tennis*.

21. *L-Istandard*

B'żieda mal-prodotti tal-konsum permessi li jkunu importati mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni f'limiti kwantitattivi speċifikati, il-persuni mhux residenti għandhom jitħallew jimportaw, mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni, oġġetti strettament ta' natura mhux kummerċjali sa valur totali ta' 75 SDR. Jista' jiġi fissat ammont iżgħar għall-persuni li jkollhom inqas minn 15-il sena jew persuni li jaqsmu l-fruntiera ta' sikwit.

Noti:

(1) Il-faċilitajiet ipprovduti f'dan l-Istandard jistgħu jkunu bla ħsara għall-kondizzjoni illi l-oġġetti jkunu għall-użu jew il-konsum personali tal-vjaġġatur jew tal-familja tiegħu jew li jridu jiġu disponuti minnhom mill-vjaġġatur bħala rigali fil-pajjiż u li jingarru fil-bagalji akkumpanjati tiegħu, jew fuq il-persuna tiegħu jew fil-bagalji ta' idejh.

(2) Dawk mhux residenti li jkunu biss għaddejjin mill-pajjiż jistgħu jkunu permessi faċilitajiet akbar.

22. *L-Istandard*

Il-kwantitajiet ta' l-oġġetti tat-tabakk, l-inbid, l-ispirti u l-fwieħa permessi sabiex ikunu importati mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni minn dawk mhux residenti għandhom ikunu kif ġej:

(a) 200 sigarett jew 50 sigarru jew 250 gramma tabakk, jew taħlita ta' dawn il-prodotti b'piż totali li ma jaqbiżx il-250 gramma;

(b) 2 litri nbid u 1 litru spirti;

(ċ) 1/4 litru ta' ilma tat-twaletta u 50 gramma fwieħa.

Il-faċilitajiet ipprovduti rigward l-oġġetti tat-tabakk u x-xorb alkoħoliku jistgħu, madankollu, ikunu ristretti għall-persuni li jkunu laħqu ċerta età u jistgħu ma jingħatawx, jew jingħataw fi kwantitajiet imnaqqsa lil dawk il-persuni biss li jaqsmu l-fruntiera ta' sikwit (p.e., il-persuni li jgħixu qrib il-fruntiera, il-ħaddiema li jgħixu f'pajjiż iżda jaħdmu f'ieħor, ix-xufiera professjonali u l-membri ta' l-ekwipaġġ fit-trasport internazzjonali).

Nota:

Il-faċilitajiet ipprovduti f'dan l-Istandard jistgħu jkunu bla ħsara għall-kondizzjoni li l-prodotti jkunu għall-konsum personali tal-vjaġġatur jew tal-familja tiegħu jew iridu jiġu disponuti minnhom mill-vjaġġatur bħala rigali fil-pajjiż u li jingarru fil-bagalji akkumpanjati tiegħu, fuq il-persuna tiegħu jew fil-bagalji ta' jdejh.

23. *L-Istandard*

Meta jkun meħtieġ li tiġi depożitata dikjarazzjoni tad-dħul temporanju għall-effetti personali ta' dawk mhux residenti l-ammont ta' kull garanzija li għandu jkun ipprovdut m'għandhux jaqbeż l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li jistgħu jeħlu.

24. *Prattika rakkomandata*

Meta jkun meħtieġ li tiġi depożitata dikjarazzjoni tad-dħul temporanju għall-effetti personali ta' dawk mhux residenti, il-Partijiet Kontrattanti tal-Konvenzjoni Doganali dwar il-karné tal-ATA għad-dħul temporanju ta' l-oġġetti (Brussel, tas-6 ta' Diċembru 1961) għandhom jaċċettaw il-karné tal-ATA minflok id-dokumenti tad-dwana nazzjonali u bħala garanzija għall-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni.

25. *L-Istandard*

Meta jkun meħtieġ li tiġi ddepożitata dikjarazzjoni tad-dħul temporanju għall-effetti personali ta' dawk mhux residenti, il-limitu taż-żmien tad-dħul temporanju għandu jiġi ffissat b'referenza għat-tul ta' żmien li l-vjaġġatur idum fil-pajjiż, sakemm ma jinqabeż l-ebda limitu stabbilit fil-leġislazzjoni nazzjonali.

26. *L-Istandard*

Fuq it-talba tal-vjaġġatur, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet tad-dwana, dawn ta' l-aħħar għandhom jestendu l-perjodu taż-żmien tad-dħul temporanju ffissat fil-bidu.

27. *L-Istandard*

Għandha ssir dispożizzjoni sabiex l-oġġetti mdaħħla temporanjament iridu jkunu esportati mill-ġdid minn uffiċċju tad-dwana ieħor minn dak li minn ġo fih kienu importati.

28. *L-Istandard*

Dawk li mhux residenti għandhom jingħataw dħul temporanju rigward il-mezz tagħhom tat-trasport għall-użu privat.

Nota:

Jista' jingħata wkoll dħul temporanju rigward l-annimali u vetturi li ma jimxux weħidhom użati bħala mezz ta' trasport minn dawk mhux residenti.

29. *L-Istandard*

Il-karburanti li jinġarru fit-tankijiet normali tal-mezz tat-trasport għandhom jiddaħħlu ħielsa mid-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni.

30. *L-Istandard*

Il-faċilitajiet mogħtija rigward il-mezzi tat-trasport għall-użu privat għandhom japplikaw sewwa jekk il-mezzi tat-trasport ikunu l-proprjet ta' min mhux residenti jew mikrija jew mislufa lilu u sewwa jekk jaslu ma', qabel jew wara l-vjaġġatur.

31. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet tad-dwana la għandhom jeħtieġu dokument tad-dwana u lanqas garanzija għad-dħul temporanju tal-mezzi tat-trasport għall-użu privat ta' dawk mhux residenti.

32. *Prattika rakommandata*

Meta d-dokumenti jew il-garanziji tad-dwana huma meħtieġa għad-dħul temporanju tal-mezzi tat-trasport għall-użu privat ta' dawk mhux residenti, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jaċċettaw id-dokumenti u l-garanziji internazzjonali standard kif ippreżentati, per eżempju, fil-Konvenzjoni Doganali dwar il-karné tal-ATA għad-dħul temporanja ta' l-oġġetti (Brussel, tas-6 ta' Diċembru 1961), il-Konvenzjoni Doganali ta' New York dwar l-importazzjoni temporanja tal-vetturi privati tat-triq (ta' l-4 ta' Ġunju 1954) u l-Konvenzjoni Doganali dwar l-importazzjoni temporanja għall-użu privat tal-vetturi tal-ajru u l-vetturi tal-baħar tal-gost (tat-18 ta' Mejju 1956).

33. *L-Istandard*

Il-limitu ġenerali taż-żmien għad-dħul temporanja tal-mezzi tat-trasport għall-użu privat ta' dawk mhux residenti m'għandux ikun anqas minn sitt xhur.

34. *L-Istandard*

Fuq it-talba tal-persuna interessata, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet tad-dwana, dawn tal-aħħar għandhom jestendu l-perjodu taż-żmien tad-dħul temporanju ffissat fil-bidu.

35. *L-Istandard*

Kull parti tal-bdil meħtieġa għat-tiswija ta' mezz tat-trasport għall-użu privat temporanjament fil-pajjiż għandha tingħata dħul temporanju.

36. *Prattika rakkomandata*

Bla ħsara għall-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali, l-awtoritajiet tad-dwana m'għandhomx jeħtieġu l-esportazzjoni mill-ġdid tal-mezzi tat-trasport għall-użu privat ta' dawk mhux residenti jew l-effetti personali li tkun ġratilhom ħsara serja jew inqerdu f'xi inċident jew forza maġġuri.

(b) **Ir-residenti li jiġu lura**

37. *L-Istandard*

Ir-residenti li jiġu lura għandhom jitħallew jimportaw mill-ġdid mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni kull oġġett li jkunu ħadu magħhom fil-waqt tat-tluq tagħhom mill-pajjiż u li kienu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa f'dan il-pajjiż.

38. *L-Istandard*

B'żieda mal-prodotti tal-konsum permessi li jkunu importati mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni fil-limiti kwantitattivi speċifikati, ir-residenti li jiġu lura għandhom jitħallew jimportaw, mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni, l-oġġetti strettament ta' natura mhux kummerċjali sa valur totali ta' 75 SDRs. Ammont iżgħar jista' jiġi stabbilit għall-persuni li għandhom anqas minn 15-il sena jew persuni li jaqsmu l-fruntiera ta' sikwit.

Nota:

Il-faċilitajiet provvduti f'dan l-Istandard jistgħu jkunu bla ħsara għall-kondizzjoni illi l-oġġetti jkunu għall-użu jew il-konsum personali tal-vjaġġatur jew tal-familja tiegħu jew għandhom jiġu disponuti minnhom mill-vjaġġatur bħala rigali fil-pajjiż u li jinġarru fil-bagalji akkumpanjati tiegħu, jew fuq il-persuna tiegħu jew fil-bagalji ta' jdejh.

39. *L-Istandard*

Il-kwantitajiet ta' l-oġġetti tat-tabakk, l-inbid, l-ispirti u l-fwieħa permessi sabiex ikunu importati mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni minn dawk ir-residenti li jiġu lura għandhom ikunu kif ġej:

(a) 200 sigarett jew 50 sigarru jew 250 gramma tabakk, jew taħlita ta' dawn il-prodotti b'piż totali li ma jaqbiżx il-250 gramma;

(b) 2 litri nbid u 1 litru spirti;

(ċ) 1/4 litru ta' ilma tat-twaletta u 50 gramma fwieħa.

Il-faċilitajiet ipprovduti rigward l-oġġetti tat-tabakk u x-xorb alkoliku jistgħu, madankollu, ikunu ristretti għal persuni li jkunu laħqu ċerta età u jistgħu ma jingħataw x, jew jingħataw fi kwantitajiet imnaqqsa lill-persuni biss li jaqsmu l-fruntiera ta' sikwit (p.e., il-persuni li jgħixu qrib il-fruntiera, il-ħaddiema li jgħixu f'pajjiż iżda jaħdmu f'ieħor, ix-xufiera professjonali u l-membri tal-ekwipaġġ fit-trasport internazzjonali).

Nota:

Il-faċilitajiet provduti f'dan l-Istandard jistgħu jkunu bla ħsara għall-kondizzjoni illi l-prodotti jkunu għall-konsum personali tal-vjaġġatur jew tal-familja tiegħu jew għandhom jiġu disponuti minnhom mill-vjaġġatur bħala rigali fil-pajjiż u li jinġarru fil-bagalji akkumpanjati tiegħu, fuq il-persuna tiegħu jew fil-bagalji ta' idejh.

DISPOŻIZZJONI LI JIRRIGWARDAW IT-TLUQ

40. *L-Istandard*

Il-formalitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi li jkunu sejrin jitilqu għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun, u eliminati meta dan ikun possibbli.

Nota:

Il-formalitajiet tad-dwana jistgħu jkunu meħtieġa, per eżempju, għalbiex tinkiseb eżenzjoni mid-dazji u t-taxxi internazzjonali jew il-ħlas mill-ġdid tagħhom.

41. *L-Istandard*

Il-vjaġġaturi għandhom jitħallew jesportaw oġġetti għal skopijiet kummerċjali, bla ħsara għall-konformità mal-formalitajiet meħtieġa u l-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni li jistgħu jeħlu.

42. *L-Istandard*

Fuq it-talba tar-residenti li jkun sejrin jitilqu mill-pajjiż, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa dwar l-identifikazzjoni rigward ċerti oġġetti meta b'hekk tiġi faċilitata l-importazzjoni libera mill-ġdid ta' dawn l-oġġetti.

Nota:

Il-miżuri li s-soltu jittieħdu rigward dan jikkonsistu f'li jiġu nnotati l-partikolaritjiet meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni bir-reġistrazzjoni ta' deskrizzjoni ta' l-oġġetti jew tal-marki, in-numri jew l-indentifikazzjonijiet l-oħra mwaħħla magħhom b'mod permanenti, jew billi jitwaħħlu marki tal-identifikazzjoni jew is-siġilli tad-dwana.

43. *L-Istandard*

Għandha tinħtieġ l-applikazzjoni ta' proċedura għall-esportazzjoni temporanja koperta bid-dokumenti tad-dwana rigward l-effetti personali u l-mezzi privati tat-trasport tar-residenti li jkunu sejrin jitilqu mill-pajjiż f'każijiet ta' eċċezzjoni biss.

44. *L-Istandard*

Kull garanzija pprovduta minn dawk mhux residenti dwar l-oġġetti mdaħħla fuq bażi temporanja għandha tiġi rrilaxxjata fil-waqt meta l-oġġetti jiġu esportati mill-ġdid, ikun liema jkun l-uffiċċju tad-dwana li minnu ssir l-esportazzjoni mill-ġdid.

45. *Prattika rakkomandata*

Jekk garanzija tkun ingħatat fil-għamla ta' depożitu ta' flus, għandha tintgħamel dispożizzjoni għalbiex titħallas lura mill-uffiċċju ta' l-esportazzjoni, saħansitra jekk l-oġġetti ma kienux importati permezz dan l-uffiċċju.

PASSIĠĠIERI F'TRANSITU

46. *L-Istandard*

Il-passiġġieri fit-transitu li ma jitilqux miż-żona tat-transitu ma għandhom ikunu meħtieġa li jgħaddu minn ebda kontroll tad-dwana.

Nota:

Din id-dispożizzjoni ma teskludix lid-dwana milli żżomm sorveljanza ġenerali taż-żoni tat-transitu u milli tittieħed kull azzjoni meħtieġa meta tkun suspettata offiża tad-dwana.

IT-TAGĦRIF LI JIRRIGWARDA L-FAĊILITAJIET TAD-DWANA LI JAPPLIKAW GĦALL-VJAĠĠATURI

47. *L-Istandard*

L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jiżguraw illi jkun disponibbli fil-pront għal kull persuna interessata t-tagħrif kollu rilevanti dwar il-faċilitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi.

48. *L-Istandard*

It-tagħrif li jirrigwarda l-eżenzjonijiet mid-dazji u t-taxxi permessi lill-vjaġġaturi u l-formalitajiet tad-dwana li jridu jitwettqu għandhom ikunu disposibbli għall-vjaġġaturi, fuq it-talba tagħhom, qabel it-tluq tagħhom minn pajjiżhom jew, meta prattikabbli, matul il-vjaġġ.

Noti:

(1) Dan it-tagħrif jista' jintgħamel disponibbli għall-vjaġġaturi fuq il-bastimenti, il-vetturi tal-ajru jew il-ferroviji internazzjonali.

(2) Dan it-tagħrif jista' tintgħamel disposnibbli għall-vjaġġaturi fil-għamla ta' fuljetti u jista' jiġi esibit, kif approprjat, fil-postijiet tal-wasla u tat-tluq.

49. *Prattika rakkomandata*

It-tagħrif dwar il-faċilitajiet tad-dwana li japplikaw għall-vjaġġaturi għandu jkun stampat fl-ilsien jew l-ilsna uffiċjali tal-pajjiż interessat u f'kull ilsien ieħor meqjus utli.

APPENDIĊI I

DISPOŻIZZJONIJIet dwar is-sistema taż-żewġ kanali għall-*clearance* tal-vjaġġaturi u l-bagalji tagħhom li jaslu bl-ajru

Is-sistema taż-żewġ kanali jew tal-aħmar/aħdar hija kontroll simplifikat tad-dwana li jippermetti lill-awtoritajiet tad-dwana li jtejbu l-mixi tat-traffiku tal-passiġġieri f'ajruporti internazzjonali u li jiġi trattat b'effiċjenza n-numru jiżdied tal-passiġġieri mingħajr ma titnaqqas l-effiċjenza tal-kontroll u mingħajr żieda korrispondenti fin-numru tal-personal tad-dwana. Mhux bilfors li hija inkompatibbli ma' l-applikazzjoni ta' kontrolli oħra, per eżempju, kontrolli tal-kambju, għajr jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu kontroll sħiħ tal-passiġġieri kollha u tal-bagalji tagħhom.

Is-sistema taż-żewġ kanali għandha titħaddem kif iddikjarat fil-qosor hawn taħt:

1. Is-sistema għandha tippermetti lill-passiġġieri li jagħżlu bejn iż-żewġ tipi ta' kanal:

   (a) wieħed (il-kanal l-aħdar) għall-passiġġieri li magħhom ma jkollhomx oġġetti jew ikollhom biss oġġetti li jistgħu jiddaħħlu mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni u li mhumiex bla ħsara għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni; u

   (b) l-ieħor (il-kanal l-aħmar) għall-passiġġieri l-oħra.

2. Kull kanal għandu jkun immarkat ċar u b'mod distint sabiex il-għażla bejniethom tista' tinftiehem faċilment mill-passiġġieri. Il-marka bażika ta' distinzjoni għandha tkun:

   (a) għall-kanal riferit taħt il-1(a), aħdar, fil-għamla ta' ottagonu regolari, u bil-kliem "Xejn x'tiddikjara" ("*Rien à déclarer*");

   (b) għall-kanal riferit taħt fil-1(b), aħmar, fil-għamla ta' kaxxa, u bl-kliem "Oġġetti x'tiddikjara" ("*Marchandises à déclarer*").

   B'żieda ma' dan, il-kanali għandhom ikunu identifikati b'iskrizzjoni li tinkludi l-kelma "Dwana" ("*Douane*").

3. It-testi riferiti fil-paragrafu 2 għandhom ikunu bl-Ingliż u/jew bil-Franċiż u f'kull ilsien jew ilsna oħra meqjusa utli għall-ajruport interessat.

4. Il-passiġġeri jridu jkunu mgħarrfa tajjeb biżżejjed għalbiex jagħżlu bejn il-kanali. Għal dan l-iskop huwa importanti:

   (a) illi l-passiġġieri jkunu mgħarrfa dwar il-funzjoni tas-sistema u dwar id-deskrizzjonijiet u l-kwantitajiet ta' l-oġġetti li jista' jkollhom magħhom meta jużaw il-kanal l-aħdar. Dan jista' jsir permezz ta' kartelluni jew tabelli fl-ajruport jew permezz ta' fuljetti disponibbli għall-pubbliku fl-ajruport jew imqassma mill-aġenziji tat-turisti, mil-linji tal-ajru u minn korpi oħra interessati;

   (b) illi r-rotta għall-kanali jkollha tabelli ċari.

5. Il-kanali għandhom ikunu lokati lil hinn miż-żona tal-kunsinna tal-bagalji sabiex il-passiġġieri jkollhom il-bagalji tagħhom kollha magħhom meta jagħżlu l-kanal tagħhom. Barra minn dan, il-kanali għandhom ikunu irranġati hekk illi l-passiġġieri jimxu minn din iż-żona tal-ħruġ mill-ajruport dirett kemm jista' jkun.

6. Id-distanza bejn iż-żona tal-kunsinna tal-bagalji u d-dħul għall-kanali għandha tkun biżżejjed għalbiex tippermetti li l-passiġġieri jiddeċiedu liema kanal jagħżlu u jimxu f'dan il-kanal mingħajr ma joħolqu konġestjoni.

7. Il-passiġġieri li jagħżlu l-kanal l-aħdar ma għandhom ikunu ssoġġettati għall-ebda formalità tad-dwana oħra għajr jekk issoġġettati għal kontroll fuq il-post; fil-kanal l-aħmar il-passiġġieri għandhom iwettqu l-formalitajiet meħtieġa mid-dwana.

APPENDIĊI II

ID-DISPOŻizzjonijiet dwar is-sistema taż-żewġ kanali għall-*clearance* tal-vjaġġaturi, il-bagalji tagħhom u l-vetturi tagħhom li jaslu bil-baħar

Is-sistema taż-żewġ kanali jew tal-aħmar/aħdar hija kontroll simplifikat tad-dwana li tista' tintuża f'konnessjoni mal-*clearance* tal-passiġġieri, tal-bagalji tagħhom u tal-vetturi tagħhom li jaslu bil-baħar. Is-sistema tapplika b'mod partikolari għall-kontroll tal-passiġġieri li jagħmlu vjaġġi qosra fuq il-baħar, bħal dawk li jużaw is-servizz regolari tal-bastimenti laneċ. Tista' tgħin għalbiex ittejjeb il-mixi tat-traffiku tal-passiġġieri fil-portijiet internazzjonali tal-baħar u biex tieħu ħsieb b'effiċjenza numru jiżdied ta' passiġġieri mingħajr ma titnaqqas l-effiċjenza tal-kontroll tad-dwana u mingħajr żieda korrispondenti fin-numru tal-personal tad-dwana. Mhux bilfors li hija inkompatibbli ma' l-applikazzjoni ta' kontrolli oħra, p.e., il-kontroll tal-kambju u l-kontroll taċ-ċertifikati tal-assigurazzjoni internazzjonali tal-vetturi, għajr jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu kontroll sħiħ tal-passiġġieri kollha u tal-bagalji jew tal-vetturi tagħhom.

Is-sistema taż-żewġ kanali għandha titħaddem kif deskritt fil-qosor hawn taħt:

1. Is-sistema għandha tippermetti lill-passiġġieri, sewwa jekk jivvjaġġaw fil-vettura tagħhom u sewwa jekk le, li jagħżlu bejn iż-żewġ tipi ta' kanali:

   (a) wieħed (il-kanal l-aħdar) għall-passiġġieri li magħhom ma jkollhomx oġġetti jew ikollhom biss oġġetti li jistgħu jiddaħħlu mingħajr dazji u taxxi fuq l-importazzjoni u li ma jkunux jistgħu jiġu ssoġġettati għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni; u

   (b) l-ieħor (il-kanal l-aħmar) għall-passiġġieri l-oħra.

2. Kull kanal għandu jkun immarkat ċar u b'mod distint sabiex il-għażla bejniethom tista' tinftiehem faċilment mill-passiġġieri. Il-marka bażika ta' distinzjoni għandha tkun:

   (a) għall-kanal riferit fil-1(a), aħdar, fil-għamla ta' ottagonu regolari, u bil-kliem "Xejn x'tiddikjara" ("*Rien à déclarer*");

   (b) għall-kanal riferit fil-1(b), aħmar, fil-għamla ta' kaxxa, u bil-kliem "Oġġetti x'tiddikjara" ("*Marchandises à déclarer*").

   B'żieda ma' dan, il-kanali għandhom ikunu identifikati minn iskrizzjoni li tinkludi l-kelma "Dwana" ("*Douane*").

3. It-testi riferiti fil-paragrafu 2 għandhom ikunu bl-Ingliż u/jew bil-Franċiż u f'kull ilsien jew ilsma oħra meqjusa meħtieġa.

4. Fil-każ tal-passiġġieri li jivvjaġġaw fil-vettura tagħhom, u meta t-tqassim tal-vetturi bejn il-linji xierqa u l-proċedura tal-*clearance* b'daqshekk ikunu ffaċilitati, is-sewwieq ta' kull vettura jista' jiġi pprovdut bi *stickers* ħomor u ħodor li jkollhom il-marki riferiti fil-paragrafu 2(a) u (b), u jiġi ordnat li waħda minnhom titwaħħal mal-ħġieġa ta' quddiem tal-vettura:

   (a) it-tabella l-ħadra, meta l-vettura nfisha u kull oġġett li jkun fiha, inklużi l-oġġetti li jkunu l-proprjetà tal-passiġġieri fil-vettura, jew miġrura minnhom, jistgħu jiddaħħlu mingħajr il-formalitajiet tad-dwana u ma jiġux issoġġettati għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni; u

   (b) it-tabella l-ħamra li titwaħħal f'każijiet oħra.

5. Il-passiġġieri jridu jkunu mgħarrfa tajjeb biżżejjed għalbiex jagħżlu bejn il-kanali u fejn ikun il-każ bejn it-tabelli l-ħomor u l-ħodor li jitwaħħlu. Għal dan l-iskop huwa importanti:

   (a) illi l-passiġġieri jkunu mgħarrfa dwar il-funzjoni tas-sistema u dwar id-deskrizzjoni u l-kwantitajiet ta' l-oġġetti li jista' jkollhom magħhom meta jużaw il-kanal l-aħdar. Dan jista' jsir permezz ta' kartelluni jew tabelli fil-port jew permezz ta' fuljetti disponibbli għall-pubbliku fil-port tal-imbarkazzjoni, fuq il-bastiment jew imqassma mill-aġenziji tat-turisti, mill-kumpaniji tal-bastimenti u minn korpi oħra interessati;

   (b) illi, meta l-istikers il-ħomor u l-ħodor riferiti fil-paragrafu 4 għandhom jintużaw, is-sewwieq ta' kull vettura għandu jkun provdut b'dawn it-tabelli qabel il-wasla fil-port tad-destinazzjoni;

   (ċ) li r-rotta għall-kanali tkun indikata biċ-ċar.

6. Il-kanali għandhom ikunu lil hinn minn kull żona tal-kunsinna tal-bagalji sabiex il-passiġġieri jkollhom il-bagalji tagħhom kollha magħhom meta jagħżlu l-kanal approprjat. Barra minn hekk, il-kanali għandhom ikunu lokati hekk li l-passiġġieri jimxu lejn l-ħruġ mill-port dirett kemm jista' jkun.

7. Id-distanza bejn il-bastiment, jew iż-żona tal-kunsinna tal-bagalji u d-dħul għall-kanali għandha tkun biżżejjed għalbiex tippermetti lill-passiġġieri jiddeċiedu liema kanal jagħżlu u jimxu fil-kanal mingħajr ma joħolqu konġestjoni.

8. Il-passiġġieri li jagħżlu l-kanal l-aħdar ma għandhom jiġu ssoġġettati għall-ebda formalità oħra tad-dwana għajr jekk jiġu ssoġġettati għal kontroll fuq il-post; fil-kanal l-aħmar il-passiġġieri għandhom iwettqu l-formalitajiet kollha meħtieġa mid-dwana.

9. Sistema li tinvolvi l-użu ta' kanal wieħed biss, iżda li fih il-vetturi li jkollhom it-tabella l-ħamra, jew dawk magħżula għall-kontrolli fuq il-post, jiġu diretti għal post tal-parkeġġ iddeżinjat, tista' titqies li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-sistema taż-żewġ kanali.

APPENDIĊI III

Id-Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament tad-dwana tal-bagalji reġistrati li jinġarru bil-ferrovija

It-tqandil b'mod effiċjenti u mħaffef tal-bagalji rreġistrati li jinġarru bil-ferrovija jista' jiġi faċilitat bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

1. Meta jkollhom il-bagalji tagħhom irreġistrati mill-awtoritajiet tar-rotot tal-ferroviji, il-passiġġieri għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu dikjarazzjoni fil-għamla miġjuda ma' hawn (jew f'addattament miftiehem ta din il-għamla kif approprjat skond il-każ) sabiex jitħaffu l-formalitajiet tad-dwana.

2. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jagħtu vantaġġi reali għall-użu tad-dikjarazzjoni bil-miktub u b'hekk jagħtu lill-passiġġieri inċentiv għalbiex jużaw proċedura li toffri salvagwardji aktar sħaħ lid-dwana.

3. Id-dikjarazzjoni għandha tkun ippreżentata mill-awtoritajiet tal-ferroviji lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tat-tluq u tad-destinazzjoni fejn hekk meħtieġ.

4. Id-dikarazzjoni bil-miktub għandha titqies li hija sostituzzjoni għad-dikjarazzjoni normalment meħtieġa mill-passiġġieri u li jkollha l-istess effett tagħha.

5. L-awtoritajiet tad-dwana, sakemm huwa possibbli, għandhom jirrinunzjaw mill-eżami tal-kontenut tal-bagalji koperti minn dikjarazzjoni bil-miktub.

6. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom li jirrilaxxjaw, hekk kif tinqasam il-fruntiera, l-akbar proporzjon possibbli tal-bagalji reġistrati, koperti bid-dikjarazzjonijiet bil-miktub, u li mhumiex meħtieġa għall-eżami jew għal kontrolli oħra, sabiex ikunu disponibbli minnufih lill-ferroviji għat-twassil fid-destinazzjoni tagħhom.

7. Meta l-bagalji jkunu magħżula mill-awtoritajiet tad-dwana għall-eżami jew għal kontrolli oħra, għandu jkun possibbli li dan l-eżami jew dawn kontrolli jsiru fl-eqreb uffiċċju tad-dwana tal-post tad-destinazzjoni tal-passiġġier. Għal dan l-iskop, uffiċċji tad-dwana kemm jista' jkun għandu jkollhom is-setgħa li jikklerjaw il-bagalji reġistrati.

8. Il-bagalji għandhom jinżammu fuq il-fruntiera f'każijiet eċċezzjonali ħafna biss, per eżempju, meta tkun saret offiża jew ikun hemm suspett serju ta' frodi.

9. L-awtoritajiet tad-dwana jibqgħu liberi li jadottaw kull miżura ta' kontroll li jqisu meħtieġa sabiex jipprevienu l-abbużi.

10. Sabiex jiġi ffaċilitat l-irtirar tal-bagalji mill-passiġġieri, għandha tiġi msaħħa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tad-dwana u l-ferroviji, b'mod partikolari rigward l-iskedar tas-sigħat li matulhom il-bagalji jkunu jistgħu jiġu kklerjati.

11. Għandha tingħata konsiderazzjoni sabiex il-ferroviji jintgħamlu responsabbli mill-kontroll ta' l-eżattezza tad-dikjarazzjoni bil-miktub, b'mod partikolari meta jkun mitlub ir-rilaxx tal-bagalji reġistrati waqt li l-uffiċċju tad-dwana jkun magħluq jew fi stazzjon mhux taħt is-servizz tad-dwana.

Déclaration en douane pour bagages enregistrés
Zollerklärung für Reisegepäck
Dichiarazione doganale per bagagli registrati
Customs Declaration for registered baggage

a) Je déclare que les bagages désignés ci-dessous ne contiennent que des objets personnels de la nature de ceux que les voyageurs utilisent normalement au cours de leurs déplacements, tels que: vêtements, linge de maison, objets de toilette, livres, articles de sport, à l'exclusion des appareils de prise de vues cinématographiques ou photographiques et des récepteurs de radiodiffusion et de télévision.

b) Je déclare que ces bagages ne contiennent:
— ni denrées alimentaires, tabacs, boissons alcooliques, armes, munitions, stupéfiants ou devises;
— ni marchandises destinées à être cédées à titre onéreux ou gratuit;
— ni objets achetés ou reçus hors du pays de ma résidence habituelle et qui n'ont jamais été déclarés à la douane de ce pays (cette restriction ne s'applique que lors du retour dans le pays de résidence habituelle).

c) Je donne procuration aux services du chemin de fer pour effectuer toutes les formalités douanières.

d) Je reconnais que je m'expose à des poursuites en cas de déclaration inexacte.

---

a) Ich erkläre, daß die unten bezeichneten Gepäckstücke nur Gegenstände des üblichen persönlichen Gebrauchs während der Reise enthalten, wie Kleidung, Haushaltswäsche, Toilettengegenstände, Bücher und Sportgeräte, ausgenommen Film- oder Photoapparate, Radio- und Fernsehempfangsgeräte.

b) Ich erkläre, daß die Gepäckstücke nicht enthalten:
— Lebensmittel, Tabak oder Tabakwaren, alkoholische Getränke, Waffen, Munition, Rauschgifte oder Devisen;
— Waren, die zur entgeltlichen oder unentgeltlichen Abgabe bestimmt sind;
— Gegenstände, die außerhalb des Landes meines gewöhnlichen Wohnsitzes gekauft oder sonstwie erworben und bei der Zollverwaltung dieses Landes noch nicht angemeldet worden sind (diese Beschränkung gilt nur bei der Rückkehr in das Land des gewöhnlichen Wohnsitzes).

c) Ich bevollmächtige die Eisenbahn, alle Zollförmlichkeiten zu erledigen.

d) Ich weiß, daß ich mich durch unzutreffende Angaben strafbar mache.

---

a) Dichiaro che i bagagli sottoindicati contengono esclusivamente oggetti personali del genere normalmente in uso durante i viaggi, come: abiti, biancheria di casa, articoli da toeletta, libri, articoli per sport, tranne apparecchi da presa cinematografica o fotografica e apparecchi radio e televisione.

b) Dichiaro che detti bagagli non contengono:
— né generi alimentari, tabacchi, bevande alcoliche, armi, munizioni, stupefacenti e valute;
— né merci destinate ad essere cedute sia a titolo oneroso che gratuito;
— né oggetti comprati o ricevuti fuori dal paese di mia abituale residenza e che non siano mai stati dichiarati alla dogana del paese interessato (questa limitazione si applica solo nel caso di rientro nel paese di residenza abituale).

c) Delego i servizi ferroviari ad effettuare tutte le formalità doganali.

d) So di espormi a sanzioni in caso di dichiarazione inesatta.

---

a) I declare that the baggage specified hereunder contains only personal belongings of the kind normally used by passengers while away from home, such as clothing, household linen, toilet requisites, books and sports equipment, other than cameras (photographic or cinematographic), radio and television sets.

b) I declare that this baggage does not contain:
— foodstuffs, tobacco goods, alcoholic beverages, arms, ammunition, narcotics or currency;
— goods to be disposed of to other persons, whether or not against payment;
— articles purchased or otherwise acquired outside my country of normal residence and not yet declared to the Customs of that country (this restriction applies only on return to country of normal residence).

c) I authorize the railway authorities to carry out all Customs formalities.

d) I am aware that a false declaration renders me liable to prosecution.

Español al dorso – Nederlands z.o.z. – Dansk på bagsiden – Svenska på baksidan – Jugoslavenski na poledjini

Pays de destination
Bestimmungsland
Paese di destinazione
Country of destination .....

Lieu de destination
Bestimmungsort
Località di destinazione
Place of destination .....

Nombre de bagages
Zahl der Gepäckstücke
Numero dei bagagli
Number of items

Nombre de personnes accompagnant le voyageur
Zahl der Mitreisenden
Numero di persone che accompagnano il viaggiatore
Number of persons accompanying the passenger

en lettres MAJUSCULES – in DRUCKBUCHSTABEN – in caratteri STAMPATELLO – in BLOCK-LETTERS

NOM NAME NOME SURNAME

Prénom Vorname Cognome Christian name

.....

Résidence habituelle:
Gewöhnlicher Wohnsitz:
Residenza abituale:
Normal residence:

Rue Straße
Via Street ..... **No** .....
Localité
Stadt
Località
Town .....
Pays
Land
Paese
Country .....

Timbre à date de la gare de départ

Tagesstempel des Versandbahnhofs

Date-stamp of departure station

Timbro e data della stazione di partenza

Bulletin d'expédition
Gepäckschein
Scontrino di bagaglio
Consignment note

No

Signature du voyageur:
Unterschrift des Reisenden:
Firma del viaggiatore:
Signature of passenger:

.....

Declaración de aduna para equipajes facturados

a) Declaro que los bultos que figuran al dorso contienen exclusivamente objetos persoales, de los que seulen utilizar durante el viaje, tales como prendas de vestir, ropa blanca, objetos de aseo; libros, material deportivo, a excepción de camaras cinematográficas y fotográficas y receptores de radiodifusión y televisón.

b) Declaro que dichos bultos no contienen:
   — comestibles, tabacos, bebidas alcohólicas, armas, municiones, estupefacientes ni divisas;
   — mercancías para vender o ceder gratuitamente;
   — objetos comprados o recibidos fuera del país de residencia habitual y que nunca han sido declarados a la aduana de dicho país (únicamente en caso de regreso al país de residencia habitual).

b) Autorizo a los servicios ferroviarios a efectuar las formalidades de aduana en caso necesario.

c) Reconozco que toda declaración falsa implica una sanción.

Douaneverklaring voor ingeschreven bagage

a) Ik verklaar, dat de aan ommezijde omschreven bagage alleen voorwerpen bevat voor persoonlijk gebruik tijdens de reis, zoals kleding, huishoudlinnen, toiletbenodigdheden, boeken en sportuitrusting, met uitzondering van film- en fotocamera's en radio- en televisie-ontvangtoestellen.

b) Ik verklaar, dat de bagage niet bevat:
   — voedingsmiddelen, tabaksfabrikaten, alcoholische dranken, vuurwapens, munitie, verdovende middelen of devizien;
   — goederen bestemd om al dan niet gratis te worden afgestaan;
   — voorwerpen die buiten het land van mijn normaal verblijf gekocht of verkregen zijn en nog niet in dat land ten invoer werden aangegeven (deze beperking is alleen van toepassing bij terugkeer in het land van normal verblijf).

c) Ik machtig de spoorwegautoriteiten tot hen doen van alle douaneformaliteiten.

d) Ik ben ervan op de hoogte dat ik mij, in geval van onjuiste aangifte, blootstel aan vervolging.

Toldeklæring for indskrevet rejsegods

a) Jeg erklærer, at de på bagsiden anførte bagagestykker kun indeholder personlige ejendele af den art, rejsende normalt anvender, såso, beklædningsgenstande, linned, toiletsager, bøger og sportsredskaber, undtagen kameraer (kinematografiske og fotografiske) samt radio- og fjernsynsmodtagere.

b) Jeg erklærer, at den nævnte bagage ikke indeholder:
   — levnedsmidler, tobaksvarer, alkoholiske drikke, våben, ammunition, narkotika eller valuta;
   — varer, som er bestemt til overdragelse til andre (mod eller uden betaling);
   — gestande, der er købt eller på anden måde erhvervet uden for mit normale opholdsland, og so, endnu aldrig har været klareret af toldvæsenet i dette land (denne begrænsning gælder kun ved tilbagerejsen til det sædvanlige opholdsland).

c) Jeg bemyndinger jernbanemyndighederne til at udføre alle toldformaliteter.

d) Jeg er indforstået med, at urigtige angivelser kan gøre mig hjemfalden til straf.

Tulldeklaration for polletterat resgods

a) Jag försäkrar, att omstående sida förteknade resgodskollin endast innhåller personliga tillhörigheter av sådant slag som vanligen anvands av personer på resa, såso, kladesplagg, hushållslinne, toalettartiklar, böcker och sportutrustning, med undantag av film- och fotokameror, radio- och televisionsmottagare;

b) Jag försäkrar, att dessa resgodskollin inte innehäller:
   — Livsmedel; tobaksvaror, alkoholhaltiga drycker, vapen, ammunition, narkotika eller valutor;
   — varor avsedda att saljas eller bortskänkas;
   — föremål, som köpts eller på annat sätt förvärvats utanför det land där jag stadigvarande bor och som ännu inte tulldeklarerats i detta land (denna inskränkning gäller endast vid återresa til nyssnämnda land);

c) Jag befullmäktigar järnvägsmyndigheterna at fulgöra samtliga tulformaliteter.

d) Jag är medveten om att en oriktig deklaration kan föranleda åtal mot mig.

Carinska deklaracija za otpravljeni prtljag

a) Izjavljujem da prtljag koja se ralazi na poledjini sadrži samo predmete lične prirode koje putnici redovno upotrebijavaju za vreme svojih putovanja, kao: odelo, rubije, toaletne predmete, knjige, sportske rekvizite, izuzev fotografske ili kinematografske kamere i radiodifuzne i televizljske prijemnike.

b) Izjavljujem da ovay prtijag ne sadrži:
   — životne namirnice, duvan, alkoholna pića, oružje, municiju, opojne droge ili valutu;
   — robu namenjenu za otudivanje, uz naknadu ili besplatno;
   — predmete kupljene ili dobljene izvan zemlje mog stalnog boravka i koji već nisu bili prijavljeni carinarnici ove zemlje (ovo ograničenje primenjuje se samo prolikom povratka u zemlju stalnog boravka).

c) Oviašćujem železničku službu da izvršl sve carinske formalnosti.

d) Poznato mi je da će se u slučaju netačne izjave povesti protiv mene kazneni postupak.

Riservi li għandhom jiddaħlu mill-Komunità dwar l-Anness F.3 mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tad-dwana

1. *Riserva Ġenerali (rimarka ġenerali)*

Il-leġislazzjoni Komunitarja ġeneralment tkopri d-dispożizzjonijiet ta' dan l-anness. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, jekk ikun apprprjat, idaħħlu r-riservi tagħhom stess safejn u sakemm il-leġislazzjoni Komunitarja tħallilhom il-possibiltà li jżommu, f'ċerti każijiet, id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom,

2. *L-Istandards 21 u 38*

"Il-leġislazzjoni Komunitarja tipprovdi l-konċessjoni ta' ħelsien mid-dazji fuq l-importazzjoni ta' l-oġġetti fil-kwistjoni sa valur totali ta' 45 ECU (*European Currency Unit*) għal kull vjaġġatur li jkun ġej minn Stat li jinsab barra mill-Komunità Ewropea. B'żieda mal-limiti kwantitattivi ddikjarati fl-Istandards 22 u 39, il-leġislazzjoni Komunitarja tipprovdi l-ħelsien mit-taxxa fuq l-importazzjoni rigward il-kwantitajiet massimi tal-kafé u t-te li ġejjin:

(a) kafé:	500 gramma
jew	
estratti u essenzi tal-kafé:	200 gramma
(b) te:	100 gramma
jew	
estratti u essenzi tat-te:	40 gramma".

3. *L-Istandard 44 u l-Prattika Rakkomandata 45*

"Dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux applikati fil-każijiet kollha, b'mod partikolari meta l-proċedura titwettaq f'uffiċċji tad-dwana li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġu applikati dawn id-dispożizzjonijiet, it-territorju ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux għandu jiġi kkunsidrat bħat-territorju ta' Stat Membru wieħed".